MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 42/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Jessica Tabone**

**Illum 4 ta' Lulju 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 42/2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Jessica Tabone, ta' dsatax (19) il-sena, bint Alan u Philipa nee'Scerri, imwielda r-Rabat (Ghawdex), fil-21 ta' Ottubru, 1992, residenti fil-fond numru Flat 7, St. Anthony Court, Triq l-Emigranti, Nadur, detentrici tal-karta tal-identita' numru 35492G, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Lulju

2011, u matul l-ahhar sena ta' qabel, gewwa Flat 7, St. Anthony Court, Triq l-Emigranti, Nadur, ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti,

(a) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha,

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (Dok. "B").

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet riaffermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputata, in-natura tar-reat migjub fil-konfront taghha, il-fedina penali taghha (li gie dikjarat li hija wahda nadifa) u kif ukoll il-ko-operazzjoni taghha mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi gie dikjarat li ma gewx imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------